MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 833/2012

**Alfred Xerxen**

**Vs**

**Josephine Debattista**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-21 ta' Dicembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimata thallsu s-somma ta' elf u tlett mitt euro [€1,300] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi fit-3 ta' Settembru, 2012 sehhet maltempata f'Malta u kif muri fl-incident report li ppreparaw l-ufficjali mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida (Dok A) jidher li minhabba traskuraġni tieghek inqerdet ghal kollox il-vettura tat-tip Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni EAH-404 proprjeta tal-attur li tiswa elf u tlett mitt euro (€1300) meta waqa hajt ta' ġnien li huwa parti minn bini f'Misrah il-

Barrieri, Msida, proprjetà immobiljari tieghek u li dan l-incident seta jiġi evitat li kieku saret manutenzjoni adegwata fuq dan il-hajt. Illi minkejja l-ittra bonarja datata 23 ta' Novembru 2012 (Dok B) inti bqajt inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur jitlob lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300).

Bl-ispejjez".

Ra **r-risposta tal-intimata** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante li r-rikorrent ghandu rimedji ohra legali sabiex ssodisfa l-allegazzjonijiet tieghu, liema rimedji ma ġewx adottati u b'hekk l-azzjoni odjerna ghandha tiġi ddikjarata nulla;

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, preliminarjament jiġi sottomess illi l-kawza odjerna m'hijiex integra stante li l-hajt mertu tar-rikors promotur huwa komproprjeta bejn l-eredi ta' John u Antonia Debattista u bejn sid il-proprjeta aggjacenti bl-isem ta' Cactus House, Triq Villambrosa, Hamrun, liema proprjetarji m'humiex imsejhin f'din il-kawza;

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fil-mertu jinghad illi t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-incident de quo sehh unikament minhabba nuqqas ta' hsieb u negliġenza grossolana tar-rikorrent;

Illi l-hajt mertu dan din il-kawza kien mibni skont l-arti u s-sengha u mantenuti fi stat tajjeb u d-danni sofferti mir-rikorrent huma riżultat ta' kaz force majeur, liema force majeur ma tistax tiġi attribwita ghal xi nuqqas da parti ta' l-intimata;

Ilii l-ammont pretiz mir-rikorrent m'huwiex dovut;

Salv eċċezzjonijiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz";

Ra s-sentenza preliminari tieghu datata 27 ta' Settembru, 2013;

Ra n-nota ta' l-intimata minnha ppreżentata fit-23 ta' Ottubru, 2013;

Ra l-verbal tal-21 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, rikorrenti qieghed jitlob lill-intimata thallsu s-somma ta' €1,300 talli l-vettura tieghu tat-tip Nissan Micra inqerdet ghal kollox fit-3 ta' Settembru, 2012 meta waqa hajt ta' ġnien li huwa parti minn bini f'Misrah il-Barrieri, Msida, proprjetà immobiljari tal-intimata minhabba maltempata li sehhet. Ir-rikorrenti jkompli jghid li dan l-incident seta jiġi evitat li kieku saret manutenzjoni adegwata fuq dan il-hajt. L-intimata tirrespingi dak allegat mir-rikorrenti billi tghid li l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante li r-rikorrenti ghandu rimedji ohra legali sabiex jissodisfa l-allegazzjonijiet tieghu, liema rimedji ma ġewx adottati u b'hekk l-azzjoni odjerna ghandha tiġi ddikjarata nulla. Izzid tghid li l-gudizzju mhux integra stante li l-hajt mertu tar-rikors promotur huwa komproprjeta bejn l-eredi ta' John u Antonia Debattista u bejn sid il-proprjeta aggjacenti bl-isem ta' Cactus House, Triq Villambrosa, Hamrun, liema proprjetarji m'humiex imsejhin f'din il-kawza. Imbaghad timputa l-htija ghal dan l-incident fuq ir-rikorrenti meta tghid li l-incident de quo sehh unikament minhabba nuqqas ta' hsieb u negliġenza grossolana tar-rikorrent u li l-hajt mertu dan din il-kawza kien mibni skont l-arti u s-sengha u mantenut fi stat tajjeb u d-danni sofferti mir-rikorrenti huma riżultat ta' kaz ta' force majeur, liema force majeur ma tistax tiġi attribwita ghal xi nuqqas da parti

taghha. Finalment tghid li l-ammont pretiz mir-rikorrent m'huwiex dovut;

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti Alfred Xerxen** xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013. Beda biex qalk li huwa sid il-vettura tat-tip Nissan MICRA bil-pjanca tar-registrazzjoni EAH-404. Ir-rikorrenti wera lit-Tribunal fejn kienet ipparkeggata l-vettura tieghu nhar it-3 ta' Settembru, 2012 meta sehh l-incident li minnu qieghed jilmenta r-rikorrenti (fol. 45). Huwa qal li ma tantx kien ilu li pparkegga l-vettura tieghu meta waqa l-hajt (li jidher mibni mill-gdid fir-ritratt immarkat bhala dok. AX 1) fuq il-vettura tieghu. L-episodju jidher fir-ritratti esebiti u mmarkati bhala dok. AX 2 u AX 3 (fol. 46-47). Zied ighid li ghalkemm dan il-hajt huwa hajt antik ma dehrlux li kien hemm xi problemi fih meta huwa ipparkja l-vettura tieghu fil-*parking bay* li kien hemm taht il-hajt de quo. Il-vettura tar-rikorrenti ġiet scrappjata (dok. AX 4). Zied ighid li l-vettura ma setghatx tissewwa u dan peress li nbarment. Qal li l-vettura tieghu kienet inxurjata fl-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300).

In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li dak il-hin li huwa kien ipparkeggja l-vettura tieghu, kienet ix-xita u li l-hajt li waqa fuq il-vettura tieghu "*huwa l-estenzjoni kollha tal-hajt gdid li tela' u li jidher fid-dokument AX1*" (fol. 43). Huwa qal li fl-inhawi jaghmel hafna ilma u dan peress illi jilqa' l-ilmijiet minn Birkirkara, Mosta u kullimkien inkluz Santa Venera.

Huwa żied ighid li fit-triq li hemm vicin it-triq fejn kien hemm ipparkjata l-vettura tieghu, u cioe' Villambrosa Street, il-wied hemmhekk kaxkar il-karozzi.

Qal ukoll li l-bieb tad-dar illi hemm fuq id-dokument immarkat bhala AX2 (fol. 46 imberfel bl-iswed) huwa propjeta' tal-intimata. Mistoqsi jekk garax hsara fil-hajt tal-girien, ir-rikorrenti qal li fil-hajt tal-girien ma gara xejn. Zied ighid li "*bejn il-hajt ta' Debattista u l-hajt ta' Cardona hemm hajt tad-disgha (9) bejnithom u l-hajt li waqa' fuq il-*

*karozza tieghi ma ghandu x'jaqsam xejn mal-hajt ta' Cardona*" (fol. 43). Mistoqsi kif jaf li l-hajt divizorju huwa hajt tad-disgha (9), huwa qal li meta waqa' l-hajt li hemm mat-triq fuq il-vettura tieghu huwa seta' jara dan il-hajt.

Meta r-rikorrenti gie mistoqsi mit-Tribunal jekk il-hajt kienx jidher perikoluz huwa wieġeb u qal li "*bl-ebda mod ma nghatajt x'nifhem li l-hajt kien ser jaqa' fuq il-karozza kieku ma kont inqeghda hemm*". Zied ighid li f'din l-ghalqa wara dan il-hajt li waqa' kien hemm hafna hamrija u baqa' hiereg sa nofs it-triq. Qal li meta tnehhiet il-vettura u tnehha l-gebel il-hamrija li kien hemm wara dak il-hajt baqghet niezla ghal got-triq.

3. **L-intimata Josephine Debattista** xehdet fl-14 ta' Novembru, 2013. Hija qalet li l-proprjeta taghha u ta' hutha hija dik "*fejn hemm hajt aktar car fejn il-parking space mmarkat bl-ittra 'X'* (fol. 45). L-intimata qalet ukoll li fuq dan id-dokument, hemm bieb imberfel bl-iswed, liema bieb jaghti ghal propjeta' ta` haddiehor li ma ghandux x`jaqsam mal-proprjeta taghhom. Din il-propjeta' ġiet ghandha u ghand hutha b'wirt minghand il-genituri taghhom. Hija qalet li meta waqa' l-hajt tal-gnien dan ma kollu iżda nofsu. Wara l-incident, l-intimata u hutha regghu bnew il-hajt kollu mill-gdid. Meta ġiet murija l-gebel li kien hemm fuq il-vettura tar-rikorrenti (dok. AX 2 a fol. 46), hija qalet li dan il-gebel huwa tal-gnien li hemm mal-propjeta' tal-genituri taghha. Ghal ġnien de quo trid tidhol mill-proprjeta tal-genituri taghha. Meta ġiet mistoqsija mit-Tribunal kemm kien hemm hamrija tmiss mal-hajt ta' dan il-gnien, l-intimata qalet li "*kien hemm hamrija tmiss ma' dak il-hajt pero' dan ma kienx aktar minn pied gholi*" (fol. 51). Fil-gnien kien hemm żewġ sigriet. Dwar l-istruttura tal-binja, l-intimata qalet li "*il-binja hija b`sahhitha ghandha struttura tajba ma ghandix bzonn jiena noqghod immur hemmhekk biex nara jekk hemmx xi periklu jew le*" (fol. 51). Qalet ukoll li hi tghaddi kuljum minn din it-triq u dan meta tkun sejra lejn il-hanut taghha li jinsab ftit aktar l-isfel minn hemmhekk. Ziedet tghid li "*ma rajt l-ebda haga li lili setghet allarmatni ghal l-istabilita' ta` dan il-hajt*" (fol. 51). Qalet ukoll li l-ahhar darba li dahlet f'dan il-fond kien madwar ghaxar (10) snin u li ma kellhiex ghalfejn toqghod

tidhol fih l-ghaliex hi tghaddi minn hdejh kuljum. L-intimata xehdet li din id-dar kienet ittiehdet mill-Housing u li kien biss madwar hames snin ilu li hija u hutha kien irnexxielhom jiehdu lura c-cwievet ta' dan il-fond u dan wara li kienet ġiet nieqsa l-inkwilina.

4. Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2014 **xehed Ian Sammut**, prodott mill-intimata. Huwa qal li l-intimata tigi zitu. Qal li parti mill-hajt li kien iggarraf fit-3 ta' Settembru, 2012 jappartjeni lil terzi. Zied ighid li "*parti minn dan il-hajt li jinsab fi propjeta' ta' terzi kellu l-hamrija mal-hajt u bil-maltempata li kien hemm fit-tlieta (3) ta' Settembru l-hamrija ntelqet u waqqghet il-hajt*" (fol. 57). Ix-xhud qal li l-hajt tad-dar taz-zijiet tieghu huwa maqsum fi tlieta. Zewg terzi minnu huwa proprjetà taghhom u ma hemm l-ebda hamrija warajh u qieghed *free standing* filwaqt li r-rimanenti terz hija mimlija bil-hamrija sa fuq nett u kienet din il-hamrija, skond l-istess xhud, li qalbet il-hajt. Ix-xhud imbaghad ghadda biex esebixxa ghaxar ritratti li juru l-ambjenti de quo.

B'referenza ghad-dok IS2 (fol. 61), ix-xhud qal li "*hemm hafna gebel u bricks li qeghdin iserhu mal-hajt li jaghti ghal mat-triq u jiena nghid li wara dak il-hajt kien mimli kollu hamrija u li dik il-parti ta' dak il-hajt li kienet waqghet ghal got-triq*" (fol. 58). Zied ighid li "*l-hajt taz-zijiet ma waqghax anzi ghandi nghid illi bicca zghira minnu u dan kagun ta' meta waqa' l-hajt ta' Cactus House u dan peress illi kienu ngibed bicca mill-hajt taz-zijiet, pero' l-kumplament tal-hajt taz-zijiet baqa' fejn kien*" (fol. 58). Ix-xhud esebixxa ukoll ritratti li skond hu juru l-hajt oriġinali kif kien u li dan kien fi stat tajjeb hafna. Imbaghad esebixxa ritratt iehor (Dok IS7 a fol. 66) fejn qal li dan kien qieghed juri l-kwalita' tal-hajt ta' Cactus House, u li ghadu hekk sal lum u huwa nferjuri hafna ghall-hajt taz-zijiet tieghu. Ix-xhud qal li l-bennej li ha hsieb il-bini tal-hajt kien qallu li meta l-hamrija li kien hemm wara l-hajt ta' Cactus House ixxarrab hafna dan gie tqil, imbotta lil hajt u gibed parti mill-hajt taz-zijiet tieghi.

Ix-xhud qal ukoll li huwa kien ghamel verifiki mal-Elmo Insurance dwar il-valur tal-vettura tar-rikorrenti u skond l-

informazzjoni li pprovdielhom, huma kienu nfurmawh li din kienet tiswa bejn tlett mitt ewro (€300) u tlett mija u hamsin ewro (€350). Esebixxa dokument in sostenn ta' dak li kien ghadu kif xehed.

In kontro-ezami, huwa qal li kien involva ruhhu fil-kaz meta xi hadd qarib tar-rikorrenti kien cempillu u meta kien mar il-bennej biex jibni l-hajt. Huwa qal li l-ahhar li kien dahal fil-fond de quo kien madwar sitt xhur ilu l-ghaliex kellhu jmur jghalqu peress li dan kien gie sgassat. Qal ukoll li huwa jghaddi minn hemm ta' kuljum peress li din hija triqtu. Mistoqsi jekk kienx hemm hamrija mal-hajt tal-gardina tal-fond proprjetà ta' l-intimata, x-xhud qal li "*man-naha tal-hajt tal-gardina taghna ma hemmx hamrija nerga nghid, man-naha tal-Cactus House hemm hamrija*" (fol. 59) u "*fil-qiegh tal-gardina hemm hamrija pero' mal-hajt ma hemmx*".

Ikkunsidra ulterjorment;

5. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata hija fis-sens li l-azzjoni odjerna "*hija intempestiva stante li r-rikorrent ghandu rimedji ohra legali sabiex ssodisfa l-allegazzjonijiet tieghu, liema rimedji ma ġewx adottati u b'hekk l-azzjoni odjerna ghandha tiġi dikkjarata nulla*". Mill-atti processwali ma jirriżultax x'kien dan ir-rimedju li l-intimata tghid li r-rikorrenti kellhu juzufruwixxi minnu. Ma huwiex mistenni mit-Tribunal li huwa jipprova joqghod jiskopri jew joqghod jindaga x'kellha f'mohha l-intimata meta hija resqet din l-eccezzjoni. Lanqas waqt it-trattazzjoni ma ssemma xejn. Ghalhekk in vista ta' dan in-nuqqas, it-Tribunal qieghed jichad din l-ewwel eċċezzjoni taghha.

6. It-tieni eċċezzjoni tieghu hija fis-sens li "*.. l-kawza odjerna m'hijiex integra stante li l-hajt mertu tar-rikors promotur huwa komproprpjeta bejn l-eredi ta' John u Antonia Debattista u bejn sid il-proprjeta aggjacenti bl-isem ta' Cactus House, Triq Villambrosa, Hamrun, liema proprjetarji m'humiex imsejhin f'din il-kawza*". Minkejja din l-eccezzjoni, hadd mill-partijiet ma talab lit-Tribunal sabiex issejjah fil-kawza lill-imsemmija persuni. Madanakollu, t-

Tribunal xorta wahda jista jipproċedi. Jirrizulta indubbjament li parti mill-hajt li waqa fuq il-vettura tar-rikorrenti jappartjeni lill-intimata (bhala wahda mill-eredi tal-genituri taghha) u li allura f'kaz ta' sejbien ta' responsabbilita hija tista tiġi ikkundannata tirrizarcixxi lir-rikorrenti ghal hsara li huwa ġarrab fil-vettura tieghu. Ovvjament jibqa impregudikat id-dritt ta' l-intimata li hija tipproċedi kontra minn jidhrilha li ghandu jwieġeb, in parte jew in toto, ghal eventwali kundanna. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

7. It-tielet eċċezzjoni ta' l-intimata hija li "*.. t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-incident de quo sehh unikament minhabba nuqqas ta' hsieb u negliġenza grossolana tar-rikorrent*". Mill-provi prodotti ma jirriżultax li r-rikorrenti wera xi nuqqas ta' hsieb jew addirittura negliġenza grossolana meta huwa pparkeggja l-vettura tieghu ġewwa *parking bay* li kien hemm fit-triq. Ir-rikorrenti qal li dan il-hajt huwa antik u li kien mherri, però qal li "... *ma dehrlix li kien hemm xi problemi fih meta pparkjajt*" (fol. 42) u mistoqsi mit-Tribunal jekk il-hajt kienx jidher perikoluz huwa wieġeb u qal li "*bl-ebda mod ma nghatajt x'nifhem li l-hajt kien ser jaqa' fuq il-karozza kieku ma kont inqeghda hemm*". Ghalhekk ukoll, din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

8. Ir-raba eċċezzjoni ta' l-intimata hija li "*l-hajt mertu dan din il-kawza kien mibni skont l-arti u s-sengha u mantenuti fi stat tajjeb u d-danni sofferti mir-rikorrent huwa riżultat ta' kaz force majeur, liema force majeur ma tistax tiġi attribwita ghal xi nuqqas da parti ta' l-intimata*". Hawn l-intimata qeghda taghmel referenza ghall-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

9. Tajjeb li wiehed jibda billi jaghmel distinzjoni bejn il-kaz fortuwitu u l-forza magguri.

## FORZA MAGGURI

10. Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti[1].

11. Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali[2].

12. Gie ghalhekk ritenut li l-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita` ta' l-ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent[3]

## KAZ FORTUWITU

13. Il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza[4]. In oltre, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli.

14. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'*colpa*[5].

---

[1] Ara **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008;

[2] Ara **Micallef vs Belle Mc Cance** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 2001;

[3] Ara **Middle Sea lnsurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited *et***, deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju, 2004; ara ukoll s-sentenzi riportati fil-Volumi **XXXI.I.554**, **XXXI.III.168** u **XXXVII.I.183**;

[4] Ara ukoll **Delia v. Segretarju Permanent et**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta' Gunju, 1940;

[5] Ara **Kurunell Hugh v. Negte Busuttil** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-16 ta' Novembru, 1942;

15. Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu[6]".

16. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

17. Inghad ukoll li l-kaz fortuwitu, l-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni[7] u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*[8]". Ghalhekk, il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribuwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem.

18. Issa fil-kaz in ezami ma jirriżultax li dak-in-nhar kien hemm xi maltempata qawwija. Provi f'dan is-sens ma tressqux mill-intimata. Kull ma jista jislet it-Tribunal mill-provi prodotti huwa li dak-in-nhar li sehh l-incident, kienet ix-xita u li kien hemm l-ilma ghaddej mit-triq peress li r-rikorrenti stess qal li "*saqajja kienu fl-ilma meta jiena qsamt it-triq*" (fol. 43). Qal ukoll li "*fit-triq li hemm viċin it-triq fejn kien hemm ipparkjata l-karozza u cioe Villambrosa Street, il wied hemmhekk kaxkar il-karozzi*" (fol. 43). Pero fejn kienet tinsab il-vettura tar-rikorrenti ma hemmx widien iżda triq u allura t-Tribunal ma jistax jinferixxi li kien hemm xi influss kbir ta' ilma fil-proprjeta tal-intimata li b'xi mod jista jwasslu ghal konklużjoni li dak li sehh gara minhabba dan l-influs.

19. L-intimata tghid li hija kienet ilha ma tidhol fil-proprjeta de quo ghaxar snin qabel ma sehh l-incident,

---

[6] Ara **Falzon vs Formosa** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Dicembru, 1991;

[7] Ara Kollez. Vol. **XXX P III p 142**;

[8] Ara Kollez. Vol **XVIII P II p 164** u Vol. **XXIV P I p 172**

ghalkemm qalet ukoll li hija tghaddi min hemm kuljum meta tkun sejra ghal hanut taghha. Qalet li mal-hajt tal-proprjeta taghha hemm il-hamrija tmis mal-hajt li ġġarraf "*... però dan ma kienx aktar minn pied gholi*" (fol. 51). Dan imur kontra dak li xehed in-neputi taghha Ian Sammut li qal "*fil-qiegh tal-gardina hemm hamrija però mal-hajt ma hemmx*" (fol. 59). L-istess Ian Sammut esebixxa diversi ritratti biex jipprova jikkonvinċi lit-Tribunal li l-hajt tal-proprjeta ta' l-intimata u ta' hutha waqa wara li kien inġibed minn hajt proprjetà ta' terzi (Cactus House). Pero t-Tribunal huwa konvint li l-hsara li garbet il-vettura tar-rikorrenti sehhet meta waqa l-hajt proprjetà ta' l-intimata u li ma ntweriex a sodisfazzjon tieghu li dak li sehh gara minhabba tort ta' haddiehor. Ma kien hemm xejn xi jżomm lill-intimata milli tressaq lil bennej li bena l-hajt muri fir-ritratti esebiti sabiex jikkonferma dak li qal in-neputi taghha Ian Sammut li "*... skont ma qalli l-bennej meta l-hamrija li kein hemm wara l-hajt ta' Cactus House ixxarrab hafna dan gie tqil, imbotta lil hajt u ġibed parti mill-hajt taz-zijiet tieghi*" (fol. 58). It-Tribunal, mehud dan kollu in konsiderazzjoni ma jistax jasal ghal konklużjoni ohra ghajr li ghal hsara li ġarrab ir-rikorrenti ghandha twieġeb l-intimata.

20. L-ahhar eċċezzjoni ta' l-intimata hija li l-ammont pretiz mir-rikorrent m'huwiex dovut. It-Tribunal ma jaqbilx ma din l-eccezzjoni. Kull wiehed iwieġeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Art. 1031 tal-Kap. 16). L-intimata tramite x-xhud Ian Sammut resqet dokument rilaxxat minn Elmo Insurance fejn juri l-valuri ta' vetturi bhal dik tar-rikorrenti. L-istess Ian Sammut qal li din il-vettura tiswa bejn "*tlett mitt euro (€300) u tlett mija u hamsin euro (€350)*" (fol. 58). Ir-rikorrenti qed jirreklama l-ammont ta' €1, 300 l-ghaliex dan kien il-valur ta' l-insurance. Skond ma jirrizulta mill-verbal tal-21 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrenti stqarr li din il-vettura huwa kien xtraha ġdida fis-sena 1995. Huwa fatt maghruf li l-valur tal-vettura ma huwiex dak li jiġi assigurat, iżda huwa dak li tkun tiswa skond kotba miżmuma apposta minn ditti ta' assigurazzjonijiet. Skond id-dokument esebit (dok. IS 11 a fol. 70), vettura bhal tar-rikorrenti mixtrija fis-sena 1995 kienet tiswa, f'Ottubru,

2012, l-ammont ta’ €850. Huwa dan l-ammont li t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament fl-ammont ta’ tmien mija u hamsin euro (€850) u jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ tmien mija u hamsin euro (€850). L-imghaxijiet jibdew jidekorru mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta’ l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------